**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Ġunju 2020

Rikors Numru: 205/2017 AL

**A B**

**u C B**

**vs**

**D E u**

**Direttur tar-ReġistruPubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi li permezz tiegħu ippremettew:[1]

*1. ILLI fid-data ta' ħdax (11) ta' Ġunju tas-sena elf disgħa mija tmienja u disgħin (1998) twieled l-attur C B li ġie rreġistrat fuq iċ-ċertifikat tat-twelid bħala wild ta' missier mhux magħruf (Unknown Father) (Ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala Dok M1).*

*2. ILLI fl-imsemmi zmien meta twieled il-minuri l-attriċi A B kellha relazzjoni ma' D E mil-liema relazzjoni twieled C B.*

---
[1] Fol. 1-7.

*3. ILLI għalhekk jidher li l-attur C B ma jippossjediex stat ta' filjazzjoni in konformita' ma' l-Att tat-Twelid tiegħu.*

*4. ILLI mingħajr preġudizzju għal dak suespost l-konvenut D E ġie interpellat kemm il-darba sabiex jirregola s-sitwazzjoni sabiex tiġi klarifikata l-paternita ta' C B izda baqa inadempjenti.*

*5. ILLI l-din il-kawza qegħda tiġi msesja ai termini tal-Artikolu 70A u 86A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Talbu li l-intimati jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

*1. Tordna li jittiehed kunsens għal-test ġenetiku dwar il-paternita' tal-attur u tissostitiwixxi l-kunsens li ma tingħatax minn l-konvenut sabiex jittiehed l-kampjun.*

*2. Tiddikjara illi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi illi C B huwa l-wild naturali tal-konvenut D E dan okkorendo bin-nomina ta' esperti mediċi sabiex isiru t-testijiet tad-DNA.*

*3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaffettwa d-debita korrezzjoni fl-atti tat-Twelid bin-numru 2181 Ta' C B fis-sens illi l-'Unknown Father' jigi sostwit bl-isem D E skond il-kaz.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni*.

Rat il-lista tax-xiehda tal-atturi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku li permezz tagħha eċċepixxa:[2]

*1. Illi preliminarjament din l-azzjoni tidher li hija intempestiva, u dan għaliex ma kienitx preċeduta minn ittra uffiċjali sabiex tinterpella lil konvenut biex ikun jista' jagħraf lil ibnu u dana skont kif inhu rikjest mill-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi preliminarjament ukoll, l-esponenti teċċepixxi illi filwaqt li r-rikorrenti jistgħu jippernjaw l-proċedura istanti fuq l-Artikolu 86A tal-Kodiċi*

[2] Fol. 14-16.

*Ċivili, huma ma jistgħux issejsu din l-azzjoni fuq Artikolu 70A tal-Kodiċi Ċivili u dan stante li tali artikolu ma jistgħax jiġi applikat għal attur ġialadarba huwa ma kienx imnissel u imwieled fiż-żwieġ – proprju kif tirrikjedi it-Taqsima li taħtha jaqa' l-Artikolu 70A;*

*3. Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tistqarr li mhijiex edotta mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

*4. Illi stante s-suespost, l-esponenti tirrimetti ruħha għar-riżultanzi istruttorji u umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jiġi vverifikat jekk il-konvenut huwiex verament il-missier naturali tal-minuri C B;*

*5. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, 1-esponenti tistieden lil konvenut D E sabiex jipprezenta d-dettalji personali kollha tieghu, permezz ta' nota li tispeċifika senjatament (1) In-numru tal-karta tal-identita` tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta` tiegħu meta twieledC B, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled C B, (6) Isem u kunjom ta' missieru u (7) Jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled C B. Tali informazzjoni hija meħtiega sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri C B;*

*6. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponenti tirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi C B u dan a tenur tal-Artikolu 92 (5) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*7. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponenti u kwindi hija ma għandhiex tiġi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xiehda tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat illi l-konvenut D E ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat nhar il-15 ta' Jannar 2018[3] u fl-udjenza sussegwenti għal tali notifika u ċjoe' dik tat-30 ta' Jannar 2018,[4] il-kawza ġiet differia sabiex tiġi pprezentata r-risposta ġuramentata tiegħu. Minkejja dan, il-Qorti tinnota illi l-konvenut D E naqas milli jagħmel dan;

Rat l-Att tat-Twelid ta' C B;[5]

Rat l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar[6] li miegħu hemm anness ir-rapport xjentifiku tad-DNA minnha stess redatt u kif ukoll kopja tal-Karta tal-Identita' ta' D E, A B u C B;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET:

*L-Istat ta' Kontumaċja tal-Konvenut D E:*

Il-Qorti tosserva illi l-atturi ntavolaw tali proċeduri kontra D E u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku nhar it-12 ta' Settembru 2017. Il-konvenut D E ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat nhar il-15 ta' Jannar 2018. Il-Qorti tinnota ukoll illi fl-udjenza ta' nhar it-30 ta' Jannar 2018 ġie mħollija sabiex: (i) il-konvenut D E jipprezenta r-risposta ġuramentata tiegħu, u (ii) l-partijiet jipprezentaw nota konġunta sabiex jissuġġerixxu espert tal-għazla tagħhom li jkun jista' jikkondota t-test ġenetiku fuq il-partijiet stess. Minkejja li n-nota konġunta hawn imsemmija ġiet ipprezentata fid-19 ta' April 2018, min-naħa l-oħra r-risposta ġuramentata ma ġietx ipprezentata.

[3] Fol. 20.
[4] Fol. 21.
[5] Fol. 7.
[6] Fol. 40.

In tema legali, l-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-parti li hija relevanti għal dan il-kaz, jiddisponi dan li ġej:

***"(1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.***

***…***

***(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi."***

B'applikazzjoni ta' dawn id-dispozizzjonijiet kif ukoll skont ma jirrizulta mill-avviz stampat fuq ir-rikors guramentat tal-atturi a tenur tal-Artikolu 156 sub-inċiz 2 tal-Kapitolu 12, il-konvenut kellu għoxrin (20) ġurnata minn meta ġie notifikat bl-istess rikors ġuramentat, sabiex jipprezenta r-risposta ġuramentata tiegħu fir-reġistru ta' din il-Qorti, liema terminu f'dan il-kaz għalaq nhar il-5 ta' Frar 2018. Madanakollu, mill-atti proċesswali jirrizulta b'mod ċar illi tali risposta ma ġietx ipprezentata entro tali terminu.

Huwa pacifiku fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna illi l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-konvenut, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għall-akkuza u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dizubbidjenza ("kontumelja") lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tqis li fih element ta' dizordni soċjali u tħares lejh bħala aġir li jistħoqqlu li jiġi punit bis-sanzjoni li l-kontumaċi ma jkunx jista' jipparteċipa fil-ġbir tal-provi u jikkontesta x-xiehda mressqa mill-attur/attriċi.[7] Għalhekk, il-kontumaċja hija ġeneralment meqjusa bħala mizura ta'

[7] **Dr. Aaron Attard Cavallazzi noe vs Asfaltar Limited,** deċiza mill-Prim'Awla 284/2014 nhar it-23 Lulju 2014.

natura punittiva li hija meħtieġa sabiex tassigura rispett lejn l-atti emessi mill-Qorti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Samchrome FZE vs Danko Koncar et**,[8] ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Kenneth Abela v. Aplan Limited et**[9] fejn ġie rapportat illi:

*"Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares ad unguem, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" ("***Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila***", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997); Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-termini procedurali la jista' jigi sanar b'adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentament hafna osservat, "in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghaliex ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita". (***Salina Wharf Marketing Limited –vs- Malta Tourism Authority***", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007)"*.

Fid-dawl ta' din ir-rigorozita` fl-applikazzjoni tat-termini proċedurali stipulat mil-liġi u l-effetti mill-iktar drakonjani u s-sanzjonijiet spiss irriversibbli li jġib miegħu n-non osservanza tat-terminu stipulat fl-Artikolu 158 subinċiz 1 għall-prezentata tar-risposta ġuramentata, ġie wkoll paċifikament aċċettat li l-istitut tal-kontumaċja għandu jiġi applikat u mfisser b'mod ristrettiv.[10] Madanakollu, hekk kif jistabbilixxi sub-inċiz 10 tal-Artikolu 158 surreferit, il-konvenut għandu l-fakolta' li jiġġustifika n-nuqqas tiegħu u dan billi jipprezenta rikors, fejn il-Qorti ikollha l-obbligu illi tevalwa x'kienet l-

[8] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Marzu 2016 (Rikors Numru 843/14).
[9] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Civili (Inferjuri), nhar is-6 ta' Frar 2008.
[10] **Emanuela Gerada et vs Joseph Abela et,** deċiza mill-Qorti Appell Ċivili nhar is-7 ta' Marzu 1997, ċitata fis-sentenza fl-ismijiet **Maria R vs. Agostino R**, deċiza mill-Prim'Awla (1314/2000) nhar il-11 ta' Marzu 2003.

intenzjoni tal-konvenut u tagħmel distinzjoni bejn il-konvenut li juri *disinteress assolut* (dak li jissejjaħ kontumaċja bi ħtija) u l-konvenut li juri li kien intenzjonat jikkontesta l-kawża iżda ma laħaqx għamel dan għal raġuni li *ma kienx jaħti għaliha*.[11] Madanakollu, fil-każ odjern, tali rikors qatt ma ġie ipprezentat mill-konvenut.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti qiegħda f'ġieħ l-ordni pubbliku tissolleva *ex officio* l-istat ta' kontumaċja tal-konvenut u tippronunzja ruħha dwar l-istess. Dan id-dritt tal-Qorti ġie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Peter Gatt vs Brandon Theuma – Krea (Malta) Limited**[12]: *"Fil-fehma tal-qorti ma kien hemm xejn x'izomm lit-Tribunal milli ex officio iqajjem il-punt li s-socjeta konvenuta ma wegbitx fit-terminu kontemplat mil-ligi. Terminu li hu perentorju. F'dan il-kuntest issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Giuseppi Caruana vs Charles Psaila*** *(21 ta' Marzu 1997)… Il fatt li l-ligi ma tipprovdix espressament li materja simili tista' tigi sollevata ex officio mit-Tribunal, mhi ta' ebda konsegwenza. Hu principju baziku li kull awtorita gudizzjarja ghandha awtorita li ex officio tissolleva materja ta' ordni pubbliku, kif wara kollox huma t-termini dwar il-kondotta ta' proceduri. It-twegiba ma kellha qatt tigi pprezentata la darba kien ghadda l-perjodu stipulat fil-ligi, jekk mhux wara li jintalab permess lit-Tribunal u tinghata raguni valida ghalfejn naqset."*

Għaldaqstant, il-Qorti tiddikjara u tikkonferma li l-konvenut jinsab kontumaċi fil-proċeduri odjerni.

*<u>L-Azzjoni Odjerna:</u>*

L-atturi, l-omm A B u l-iben C B, qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara lil konvenut D E bħala l-missier naturali tal-attur C B, li twieled minn relazzjoni li kellhom l-attriċi u l-konvenut. Jitolbu ukoll illi wara li D E jiġi kkonfermat bħala l-missier naturali permezz ta' testijiet xjentifiċi, tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa l-korrezzjonijiet neċessarji fl-Att tat-Twelid ta' C B, liema Att tat-Twelid iġib in-numru progressiv 2181 tas-sena 1998. Sa llum il ġurnata, l-attur C B huwa

[11] **Gloria Beacom vs Perit Anthony Spiteri Staines**, deċiża mill-Prim'Awla nhar id-9 ta' Diċembru 1993.
[12] Deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-29 ta' Jannar 2016 (Appell Numru 13/14AE).

ddikjarat bħala iben missier mhux magħruf u għaldaqstant iġorr il-kunjom tal-omm, *ossia* B.

*Il-Prinċipji Legali:*

In tema legali jingħad illi l-Artikolu 86A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li fuqu hija bbazata din il-kawza jipprovdi illi:

***"(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.***

***(2) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (1) tista' wkoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti tat-tifel jekk ikunu jeżistu l-istess ċirkostanzi bħal dawk imsemmija fl-artikolu 85."***

Referenza trid issir għall-Artikolu 100A, li jrid jinqara mal-Artikolu 70A subinċiz 1, li jipprovdu hekk rispettivament:

***"F'kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista', mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi."***

***"Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild: (a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li willed u lill-wild; (b) il-konjuġi li willed jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild; (ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġi u lill-wild, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti."***

*L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:*

It-talba tal-atturi hekk imsejsa fuq l-Artikolu 86A tal-Kodiċi Ċivili, hija azzjoni sabiex l-attur C B jiġi ddikjarat bħala l-wild naturali tal-konvenut D E u li huwa jiġi ddikjarat missieru.

B'referenza għall-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, il-Qorti tinnota illi tali eċċezzjoni ġiet sollevata stante li l-atturi ddikjaraw fir-rikors ġuramentat tagħhom illi l-konvenut D E ġie interpellat diversi drabi sabiex jirrikonoxxi lil C B bħala ibnu izda dan baqa' xorta waħda inadempjenti. Minkejja tali dikjarazzjoni da parti l-atturi, mill-atti proċesswali ma jirrizultax illi huma qatt interpellaw lil konvenut. Il-proviso tal-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili jistipula illi

***"Iżda wkoll it-tagħrif ta' tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota preżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi:***

***Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi."***

Mill-qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi, jidher ċar li l-intendiment tal-leġislatur kien illi sabiex ikun hemm speditezza f'dawn it-tip ta' proċeduri, missier li jkollu raġunijiet serji sabiex jemmen li huwa l-missier naturali ta' iben, qabel ma jittenta jiftaħ proċeduri ta' filjazzjoni quddiem din il-Qorti, huwa jista' jipprosegwi bl-intavolar ta' ittra uffiċċjali fejn l-omm jew il-werrieta, skont il-kaz, ikollhom xahrejn zmien min-notifika sabiex jirrispondu għall-istess. F'kaz li l-omm jew il-werrieta ma jirrispondux għall-ittra uffiċċjali jew joġġezzjonaw għat-talba tal-missier, dan tal-aħħar għandu jiftaħ kawza skont il-partijiet ikkonċernati sabiex b'hekk l-Att tat-

Twelid tal-wild jiġi korrett u dan wara li jiġi konfermat illi huwa verament il-missier naturali permezz ta' provi li jikkorraboraw l-istess.

Din il-Qorti diġa' kellha l-opportunita' li tippronunzja l-ħsibijiet tagħha f'dan ir-rigward fis-sentenza preliminari fl-ismijiet **Nathalie Guazzo vs Lyndon Hunt et.**[13] Il-Qorti kienet tal-fehma illi l-eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandha tiġi miċħuda stante li:

***"Din il-procedura taht l-Artikolu 86, ghalhekk qatt ma setghet tapplika ghall-kaz odjern u dan peress fil-kaz in kwistjoni hija l-omm li ddecidiet tipprocedi b'talba gudizzjarja.***

***Fil-fatt, l-artikolu 86 A imbaghad jaghti lok lill-omm il-wild, biex tipprocedi b'talba gudizzjarja sabiex tigi stabbilita l-paternita' tal-wild u inoltre sabiex fl-istess certifikat tat-twelid tigi rregistrata l-istess paternita'.***

***Hekk ghamlet l-attrici qua omm, fil-kawza odjerna. Ipprevalixxiet ruhha minn dan l-Artikolu 86 biex ippromoviet il-kawza taghha biex tigi kkonfermata l-paternita' tal-wild illegitimu. Ghalhekk ma kienitx azzjoni prodotta mill-allegat missier naturali u biologiku u jsegwi li qatt ma jista' d-Direttur tar-Registru Pubbliku jippretendi li kellha tigi segwita l-procedura tan-notifika bl-ittra ufficjali, ghax il-ligi stess tippermetti dan biss fil-kaz li jkun ser jitlob kjarifika l-missier naturali u jitlob, permezz tal-ittra ufficjali, li jinbidel l-istat tal-wild, minn wiehed illegittimu ghal wiehed legittimu, li zgur mhux il-mertu ta' dan il-kaz."***

Għalkemm il-Qorti tifhem li jkun fl-interess tal-minuri illi kwistjoni ta' dan in-natura tkun rizolta fl-iqsar zmien possibbli u mingħajr dewmien, il-liġi hija ċara. B'hekk il-Qorti tirriafferma l-pozizzjoni tagħha ġialadarba din il-proċedura hija mibdija mill-omm u l-iben u konsegwentament tiċħad l-eċċezzjoni tad-Direttur konvenut.

Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, il-Qorti tirrileva Artikolu 70A tal-Kodiċi Ċivili li jaqa' taħt it-Titolu *'Fuq il-Filjazzjoni'*, l-Ewwel Sub-Titolu li jitratta *'il-Filjazzjoni tal-Ulied Imnissla jew Imwielda matul iż-Żwieġ'*, kellu xorta waħda japplika għal kaz odjern ġialadarba li ssir referenza għalih f'Artikolu 100A tal-istess Kodiċi. Kif diġa' rrilevat il-

[13] Deċiza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar it-23 ta' Mejju 2019.

Qorti stess, Artikolu 100A li jitkellem dwar il-prova ġenetika, għandu jinqara kontestwalment mal-Artikolu 70A. Għalkemm l-atturi fir-rikors ġuramentat tagħhom iddikjaraw li l-azzjoni odjerna hija msejsa fuq Artikolu 86A u Artikolu 70A tal-Kodiċi Ċivili, l-Qorti hija moralment konvinta illi l-atturi riedu jagħmlu referenza għall-Artikolu 100A li huwa subordinat għall-Artikolu 70A. B'hekk il-Qorti tiddikjara li l-azzjoni odjerna hija korretta u dan tenut kont tal-fatt li l-atturi bbazaw l-azzjoni fuq dak l-artikolu l-iktar relevanti għal proċeduri u ċjoe' Artikolu 86A tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk l-eċċezzjoni tad-Direttur konvenut qiegħda tiġi miċħuda ukoll.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz odjern, il-Qorti rat l-affidavit ta' Dr Marisa Cassar pprezentat u debitament maħluf fis-16 ta' Ottubru 2019, fejn ikkonfermat illi wara li ġabret kampjun orali tal-partijiet, irrizulta illi D E, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija XXX hu l-missier naturali ta' C B, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija XXXX.

Kif dejjem irritjeniet il-Qorti f'kawżi ta' din in-natura, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra. Għaldaqstant il-Qorti tikkonferma li r-rekwiziti rikjesti mil-liġi sabiex l-azzjoni attriċi tirnexxi, ġew pjenament sodisfatti u b'hekk ma jezisti l-ebda dubju dwar il-paternita` tal-attur ġialadarba huwa ppruvat bl-aktar mod ċar u inekwivoku li C B huwa l-wild naturali tal-intimat D E. In vista ta' dan, il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it-talbiet attriċi.

B'referenza għall-ħames u s-sitt eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, jirrizulta illi dawn ġew sorvolati. Il-Qorti tinnota illi ġiet prezentata nota fl-atti tal-kawza,[14] li tikkonferma d-dettalji ta' D E u dawn għall-finijiet tal-Artikolu 278 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fir-rigward tal-kunjom li għandu jassumi l-iben, il-Qorti tinnota li fl-udjenza ta' nhar il-10 ta' Diċembru 2019 ġie ddikjarat li dan għandu jassumi l-kunjom 'B E'.

B'mod partikolari għall-kunjom li għandu jassumi l-iben, il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 92 tal-Kodiċi Ċivili li jaqra kif ġej:

***"(1) Tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ, jekk ikun ġie magħruf b'ibnu mill-missier, jieħu l-kunjom tal-missier, li miegħu jista' jżid kunjom l-omm, diversament, jieħu kunjom l-omm:***

[14] Fol. 52.

***-omissis-***

***Iżda wkoll, jekk ir-rikonoxximent jintalab li jsir permezz ta' talba ġudizzjarja quddiem il-Qorti kompetenti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso, it-talba opportuna sabiex wara kunjom il-missier jiġi miżjud kunjom l-omm għandha ssir lill-Qorti f'kull ħin qabel il-pronunzjament tas-sentenza. Fin-nuqqas ta' dik it-talba t-tifel jieħu kunjom il-missier:".***

Stabbilit il-qafas legali fir-rigward il-kunjom, il-Qorti tirrileva illi t-talba tal-attriċi li binha jassumi l-kunjom 'B E', ma tistgħax tintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti. Ġialadarba intweriet ix-xewqa da parti l-atturi illi l-kunjom tal-attur ikun jikkonsisti f'kemm dak tal-missier u kif ukoll tal-omm, il-Qorti tordna illi C B għandu jkun magħruf bil-kunjom tal-missier li miegħu għandu jizdied dak tal-omm, u għalhekk ikun magħruf bħala C E B.

**DEĊIDE:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba attriċi stante li l-kwistjoni ġiet sorvolata matul il-proċeduri odjerni;

2. Tilqa' it-tieni talba attriċi u tiddikjara li C B huwa l-wild naturali tal-konvenut D E, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija XXX;

3. Tilqa' it-tielet talba attriċi u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa l-korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid ta' C B, li jġib in-numru progressiv 2181 tas-sena 1998, u dan billi jiġu kkanċċellati l-kliem *'Unknown Father'* u minflok jiġi inserit isem il-konvenut D E u l-konnotati kollha tiegħu; tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jnizzel annotazzjoni fl-Att tat-Twelid ta' C B, li jġib in-numru progressiv 2181 tas-sena 1998, sabiex jistabbilixxi illi l-attur għandu jkun magħruf bil-kunjom 'E B'.

Bl-ispejjez, inkluz tat-test ġenetiku redatt minn Dr Marisa Cassar, li għandhom ikunu sapportati mill-konvenut D E.